**L-Assessjar Summattiv għall-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA fis-7 u t-8 Sena**

L-assessjar summattiv għall-Malti bħala Lingwa Barranija għal kull rotta jkopri **60%** tal-marka globali. L-40% l-oħra huma assessjar kontinwu li jsir matul is-sena. Dwar kif isir l-assessjar kontinwu u kif tinħadem il-marka ara d-dokument dwar l-assessjar kontinwu MLB fuq is-sit www.malti.skola.edu.mt

L-eżami tas-seba' u t-tmien sena se jkun maqsum f'żewġ sessjonijiet: il-karta tal-oral (10 minuti) u l-karta tal-kitba (sagħtejn).

1. L-Orali (20 marka)- Dan isir f'sessjoni għalih f'ġurnata differenti.

2a. Il-Fehim mis-smigħ (20 marka)

2b. Il-Qari u l-Kitba (60 marka)

} Dawn it-tnejn isiru f'karta waħda li flimkien jammontaw għal 80 marka.

L-assessjar summattiv tal-Malti bħala Lingwa Barranija jsir fl-aħħar tas-sena.

---

Il-komponenti kollha tal-Malti bħala lingwa barranija u t-tqassim tal-Marki għall-assessjar summattiv se jkun hekk:

1. L-**Orali - 20 marka (10 minuti)**

- Waqt l-oral tingħata silta fejn isir qari mgħajjat skont kif jitolbu l-kisbiet tas-sillabu. (4 marki)
- Isiru 2 mistoqsijiet ħfief dwar dak li nqara. (6 marki – 3 marki kull waħda)
- Taħdita megħjuna b'mistoqsijiet dwar it-temi mgħallma. (10 marki li jingħataw skont kriterji mogħtija)

2. I**l-Karta tas-Smigħ – 20 marka (30 minuta)**

L-istudenti jisimgħu żewġ testi moqrija jew irrekordjat, b'tul u ġeneru skont kif jitolbu l-kisbiet mgħallma. Il-mistoqsijiet jkunu forma ta':

agħżel it-tweġiba t-tajba

għid hux veru jew falz

qabbel

fost eżerċizzji oħra simili.

Aġġornata Ottubru 2021

3. **Il-Karta tal-Qari u l-Kitba – 60 marka (90 minuta)**

- Fehim mill-qari ta' silta li tkun ta' tul u ġeneru skont kif jitolbu l-kisbiet mgħallma. Il-maġġorparti tal-mistoqsijiet ikunu referenzjali. Lejn l-aħħar tingħata mistoqsija inferenzjali. (15-il marka li jistgħu jitqassmu hekk (1-1-1-1-2-2-2-2-3)
- Grammatika mħaddma f'kuntest/paragrafu qasir skont l-aspetti mogħtija fis-sillabu. (15 -il marka)
- **2** Kitbiet **skont kif jitolbu l-kisbiet mgħallma kif ukoll il-livell**. (15-il marka kull kitba). F'din is-sezzjoni tingħata għażla minn 5 biex l-istudenti jwieġbu tnejn.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-MARKI** | L-Orali | 20 | |
| | Il-Fehim mill-Qari | 15 | |
| | Il-Metalingwa | 15 | |
| | Il-Kitba | 30 | |
| | Is-Smigħ | 20 | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |